15 ta' Diċembru, 1945.

**Imħallfin :**

**Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D.,** ***Pres.***
**L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.**
**L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.**

**Emmanuele Bonello et.** ***versus*** **Edward Percy Larelün**

**Ritrattazzjoni — Applikazzjoni Ħażina tal-Liġi — Interpretazzjoni tal-Liġi — Art. 828, no. 5, tal-Proċedura Ċivili.**

*Hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi meta s-sentenza fuq punt ta' fatt kif stabbilit bis-sentenza impunjata ma tkunx konformi mall-liġi, u meta l-każ ma jkunx in riferenza għall-interpretazzjoni ta' xi liġi li fuqha d-deċiżjoni ġiet espressament mogħtija. Għalhekk ma hemmx lok ta' ritrattazzjoni għal dan il-motiv meta l-kwistjoni tkun waħda ta' interpretazzjoni li s-sentenza impunjata tkun tat lill-liġi.*

*Id-dover tal-ġudikant huwa mhux sempliċement dak li japplika l-liġi, imma anki dak li jara, minħabba ċ-ċirkustanzi speċjali tal-każ, x'inhija l-probabbli intenzjoni tal-leġislatur f'dawk iċ-ċirkustanzi, u li japplika l-liġi u jinterpretaha b'mod li jista' jikkonċiljaha mal-liġijiet l-oħra, biex l-applikazzjoni tagħha ma tiġix inġusta.*

Il-Qorti — Rat il-petizzjoni ta' l-atturi appellanti, fejn talbu li tiġi revokata s-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fil-25 ta' Ġunju 1945 f'din il-kawża, u għalhekk dina l-kawża tiġi ritrattata fuq il-motiv indikat fl-art. 828, nru. 5. tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; billi jiġi deċiż skond it-talba ta' l-appellanti quddiem il-Board tal-Kera bir-rikors tagħhom oriġinali bl-ispejjeż kontra l-appellat;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi dina l-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, wara li kkun-

sidrat illi l-appellat kien biddel id-destinazzjoni tal-parti li baqghalu mill-post, u li mhumiex applikabili ghalih u a favur tieghu r-Regolamenti publikati bin-Notifikazzjoni tal-Gvern no. 373 ta' l-1941, u specjalment l-art 8 ta' l-istess Regolamenti, iddikjarat ukoll, u bhala limitazzjoni ta' dak li kien intqal sa dak il-punt, illi "f'dan il-każ hemm fattezzi specjali, jigifieri li l-post huwa parzjalment danneggjat u ghalhekk l-użu li l-appellat ghamel huwa neċessarjament tal-parti li mhix danneggjata, mentri r-ripreża tal-pussess qieghda tmiss il-fond intier, u ghalhekk anki l-parti danneggjata li minnha l-appellat ma setax jaghmel ebda użu. Ghalhekk f'dan il-każ jidher, specjalment in vista tal-fatt illi bil-parti li fadal kien difficili lill-appellat biex jaghmel l-użu normali tal-post, illi jigi moghti dan it-temperament; illi in vista tal-fatt li mill-post jeżisti l-entrata u xi haġa ohra żghira, l-appellat daherlu li huwa taht il-Liġi ta' l-Emergenza kellu d-dritt jaghmel is-sullokazzjoni, kif irritjena anki l-Board, u ghalhekk kien f'"error scusabilis", u ghalhekk huwa ġust li jigi moghti provvediment ghall-purgazzjoni tal-mora";

Tikkunsidra;

*Illi skond l-art. 828, para. 5, tal-Proċedura Ċivili*, invokat mill-appellanti, "there is a wrong application of the law, for the purpose of this provision, only whenever the decision on a point of fact, as established by the sentence impugned, was not in accordance with the law, and whenever the case is not in reference to the interpretation of any law on which a decision was espressly pronounced". Fil-każ in eżami l-appellanti jippretendu li hemm applikazzjoni hażina tal-liġi, u mhux interpretazzjoni ta 'ebda liġi; iżda l-Qorti, meta ġiet biex tapplika l-art. 10 ta' l-Ord. XXI ta' l-1931, li jghid illi s-sid ghandu dritt jiehu pussess tal-fond meta l-inkwilin ikun biddel id-destinazzjoni tal-post, rat, skond dik il-motivazzjoni fuq riportata tas-sentenza impunjata, li dan huwa każ specjali u li dik id-dispożizzjoni ta' l-artikolu 10 ma tistax tiġi applikata kif inhi u tidher fil-liġi, ghaliex il-liġi kienet qieghda tikkontempla każi normali ta' kambjament fid-destinazzjoni ta' użu ta' fond, u mhux każ specjali bhal dak in eżami; u ghal-

hekk irriteniet illi dik id-dispożizzjoni għandha tiġi nterpretata f'sens iżjed miti, illi ċjoè, skond il-prinċipji ġenerali, tagħti lill-inkwilin li kien f'"error scusabilis" għar-raġunijiet miġjuba fis-sentenza, il-benefiċċju tal-purgazzjoni tal-mora. F'dan il-każ qegħdin dejjem fil-kamp ta' l-interpretazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni tal-Liġi għall-fattezzi speċjali ta' dan il-każ; u dik id-dispożizzjoni ġiet interpretata kif setgħet tkun applikata għal dan il-każ, għaliex huwa intuwitiv illi l-ġudikant għandu jiddeċidi l-każijiet skond il-liġi u skond il-fattezzi speċjali tagħhom, u jekk jara li dik il-liġi ma tistax tiġi applikata fir-rigorożità tagħha peress li tkun qiegħda tikkontempla każijiet normali, u qatt każijiet li nħolqu minħabba l-emerġenza li konna fiha, il-ġudikant huwa fl-obligu li jinterpreta dik il-liġi, li tkun tidher ċara u preċiża għall-każijiet normali, per mezz tar-regoli ta' l-interpretazzjoni u tas-supplement tal-liġijiet, u jagħmel u japplika dak li presumibilment kien irid il-legislatur kieku seta' jipprevedi dawk il-każijiet ta' emerġenza u l-fattezzi speċjali tal-każ;

Il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu fit-23 ta' April 1872, in re "Decesare vs. Darmanin" (Kollez. Vol. 6, p.192), f'materja ta' ritrattazzjoni, irriteniet :— "E espediente pure di osservare che per violazione di legge bisogna intendere la manifesta violazione, senza confonderla con l'interpretazione della legge, e, come dice il testo romano, "si expressim sententia contra juris rigorem data fuerit" come è d'uopo pure distinguere il 'jus constitutum' dal 'jus litigatorum'. Sul proposito il testo romano così si esprime :— "Contra constitutionem judicatur cum de jure constitutionis, non de jure litigatoris pronunciatur". Kif irriteniet anki din il-Qorti fis-sentenza in re "Negte. Emmanuele Scicluna vs. Negte. Gius. Calcedonio Borg" fil-21 ta' Ġunju 1871 (Kollez. Vol. V, p. 571), "l'interpretazione, come dice Thibaut, essendo l'atto dello spirito umano, per il quale si giunge ad avere coscienza del senso che si asconde in una legge, traducendola in termini propri e più chiari, e ricostruendone il pensiero che vi si contiene, non è soltanto necessaria nei soli casi di oscurità della legge, ma pure nella sua applicazione quando i tribunali elevano la stessa a

criterio dei loro giudizi, ciò che però laconicamente dice il testo '*lex interpretatione adiuvanda*', o come altri disse, 'lo spirito aiuta la lettera'. Infatti questa costituisce l'interpretazione che appartiene al giureconsulto ed al giudice, che dicesi *dottrinale*, per cui *si determina il vero senso della legge, o si* supplisce nel caso che sieno mute o insufficienti le sue disposizioni..............";

L-istess sentenza rriteniet illi għad-deċiżjoni ta' każ skond il-fattezzi speċjali tiegħu huwa meħtieġ illi d-dispożizzjoni tiġi konkatenata ma' oħra, anki ta' liġi ta' qabel, "secondo la massima riconosciuta (bekk dik is-sentenza) che le leggi si sostengono e si spiegano scambievolmente, e si scorgono in fatti ravvicinate, confrontando tra loro le diverse disposizioni, mettendo in accordo quelle che riguardano la stessa materia, conforme la riconosciuta regola di diritto che per interpretare la legge in una maniera giusta è necessario conferire insieme tutti gli articoli e non decidersi dietro uno dei suoi precetti";

Tikkunsidra;

*Illi* mbagħad ħija ħaġa rikonoxxuta l-hum universalment, sew mid-dottrina kemm mill-ġurisprudenza, illi d-dover talġudikant ma huwiex sempliċement dak li japplika l-liġi, għalkemm ikun qiegħed jara li dik l-applikazzjoni minħabba l-fattezzi speċjali tal-każ tkun inġusta għaliex kieku dawk iċ-ċirkustanzi ġew preveduti mill-leġislatur dan ma kienx ikun irid dik l-applikazzjoni *grammatikali* tal-liġi, iżda huwa anki dover preċiż tal-ġudikant illi, minħabba dawk iċ-ċirkustanzi speċjali tal-każ, jara x'inhi l-probabili intenzjoni tal-leġislatur f'dawn il-każijiet, u japplika dispożizzjoni u jinterpretaha b'mod li jista' jikkonċiljaha mall-liġijiet l-oħra, biex l-applikazzjoni tagħha ma tiġix inġusta; u f'dan is-sens il-ġurisprudenza assumiet anki l-isem ta' waħda mill-fontijiet tad-Dritt (ara Cogliolo, Monografia Bonus Judex, Vol. II, 1917);

Tikkunsidra;

Illi għalhekk, peress li dik id-dispożizzjoni ta' l-art. 10 fuq imsemmi ġiet *interpretata minn din il-Qorti* skond il-prinċipji li qegħdin f'liġijiet oħra biex l-applikazzjoni tal-liġi għallkaż sotto eżami tkun skond il-fehma tal-Qorti ekwa u ġusta

minħabba l-"error scusabilis" li l-appellat kien qiegħed isib ruħu fih, meta ssulloka l-entrata tal-post, hemm ostakolu għat-talba tar-ritrattazzjoni fl-istess artikolu ċitat mill-appellanti, 828 para. 5. tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespingi t-talba għar-revoka tas-sentenza ta' dina l-Qorti tal-25 ta' Ġunju 1945, u għalhekk ma hemmx lok għat-talba l-oħra għar-ritrattazzjoni, li hija konsegwenzjali, u hija anki respinta; u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż relativi ma jkunux taxxati bejn il-partijiet; iżda d-dritt tar-reġistru jitħallas mill-appellanti.